MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2015

Numru. 384/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Brian Vella**

**(ID 119571(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Brian Vella, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 119571(M):

Akkuzat talli fil-31 ta’ Ottubru 2004 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew

ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat Brian Vella talli kiser il-kundizzjoni ta' *Probation* ghal tliet snin imposta fuqu mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. fis-17 ta' Ottubru 2003 u talli huwa recidiv b'sentenza datata 7 ta' Lulju 2003, moghtija mill-Magistrat Dr. L. Quintano, fejn l-imputat kien gie kkundannat sitt xhur habs u multa ta' Lm400.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Rat ukoll illi fl-istess seduta tal-1 ta' Lulju 2014, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, mil-liema jirrizulta illi l-imputat instab hati *inter alia* ta’ ksur tar-regolamenti tat-traffiku, pussess illegali ossia semplici ta’ droga eroina, traffikar ta’ droga eroina, serq aggravat u hsara volontarja, dwar liema l-imputat gie kkundannat ghal pieni pekunjarji (f’erba’ okkazzjonijiet) u sentenza ta’ prigunerija effettiva u nghata Ordni ta’ *Probation* f’zewg okkazzjonijiet.

Qieset ukoll illi ghalkemm l-ammissjoni tal-imputat f’dawn il-proceduri, certament li ma kinitx wahda bikrija, biss l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata minnu.[1] Fl-istess stqarrija l-imputat ammetta illi huwa kien ilu bil-vizzju tad-droga ghal diversi snin u illi ghalkemm ghamel perjodu ta’ sentejn ma jabbuzax mid-droga, kien rega’ waqa’ fil-vizzju u kien ilu tminn xhur jabbuza kemm mill-eroina, kif ukoll mill-kokaina. L-imputat ammetta wkoll illi sabiex huwa jkun jista’ jsostni l-vizzju tieghu, *“xi kultant ikolli nbiegh ftit mid-droga li nixtri ghalija”* u illi z-zewgt iqratas bil-kokaina li kienu nstabu fuq certu Domenic Ceci dakinhar, kien ghadu kif bieghhomlu huwa stess (ossia l-imputat) bil-prezz ta’ Lm35. Skond l-imputat, dawn il-qratas kien fihom 0.2 grammi kokaina kull wiehed. L-imputat qal ukoll illi l-qartas bl-eroina li sabu fil-pussess tieghu kien jikkontjeni madwar 1.4 grammi u li kellu madwar gramma kokaina.

[1] A fol. 23 *et seq* tal-process.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi skond ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, il-qartas bi trab kannella li nstab fil-pussess tal-imputat kien fih is-sustanza eroina, li l-piz totali tas-sustanza kien ta’ 1.24 grammi u l-purita` kienet ta’ cirka 30%. Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi l-qartas bi trab abjad li wkoll instab fil-pussess tal-imputat kien fih is-sustanza kokaina, b’piz totali ta’ 0.46 grammi u b’purita` ta’ cirka 42%.[2]

Qieset ukoll illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan permezz ta’ sentenza, li giet esebita mill-Prosekuzzjoni[3], moghtija fil-konfront tal-imputat minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano u datata 7 ta’ Lulju 2003, permezz ta’ liema sentenza l-istess imputat kien gie kkundannat ghall-piena ta’ sitt xhur prigunerija u multa ta’ Lm400. In oltre kkunsidrat illi b’ammissjoni tieghu stess, l-imputat ikkommetta r-reati odjerni waqt il-perjodu operattiv ta’ Ordni ta’ *Probation*, moghtija lilu permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona, fis-17 ta’ Ottubru 2003. Din is-sentenza baqghet ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant, fil-waqt illi fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imsemmi ksur u tiehu in konsiderazzjoni wkoll illi r-reati odjerni gew kommessi minnu waqt il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni, madankollu in vista tal-fatt illi din is-sentenza ma gietx esebita u minkejja li r-reati mertu ta’ dik is-sentenza jirrizultaw mill-fedina penali tal-imputat, il-Qorti jidhrilha illi jkun perikoluz u li ghalhekk m’ghandhiex titratta mal-hati dwar ir-reati mertu tal-istess sentenza a bazi ta’ dak li jirrizulta biss mill-fedina penali tal-imputat.

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet li ssuggerew illi l-imputat ghandu jinghata piena fil-minimu, ghaliex l-imputat qed jaghmel l-almu tieghu sabiex jirriforma ruhu u illi in oltre, skond l-Ufficjal Prosekutur, ma jidhirx illi l-imputat ghadu fic-cirku tat-traffikar tad-droga.

---

[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 33 tal-process.
[3] A fol. 16 *et seq* tal-process.

Il-Qorti qieset ukoll illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (b) japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fis-sens illi r-reat mertu tal-imputazzjoni (b) qed jigi meqjus bhala mezz ghall-fini tar-reat mertu tal-imputazzjoni (a).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 17(h), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah fir-rigward tal-imputazzjoni (a) (bl-imputazzjoni (b) meqjusa bhala assorbita fl-imputazzjoni (a)) ghal **piena ta’ seba’ (7) xhur prigunerija effettiva u ghall-piena ta’ multa ta’ sitt mitt Euro (€600)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b’din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuta.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (c), bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, il-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Fir-rigward ta’ dak il-parti tal-imputazzjoni (d) li tirrigwarda ksur tal-Ordni ta’ *Probation* imposta fuq il-hati permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat A. Micallef Trigona tas-17 ta’ Ottubru 2003, wara li rat l-Artikolu

23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt illi kif inghad, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati ta’ dan il-ksur, madankollu ghar-ragunijiet moghtija izjed ‘il fuq, m’hijiex qed titratta mieghu dwar ir-reati mertu ta’ dik is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv tal-*Probation* jew jekk jonqos milli jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet kontenuta fl-istess Ordni.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti bhala Dok. DT3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Fir-rigward tad-Dokument DT2, konsistenti fis-somma ta’ mija, tmienja u tletin Lira Maltin (Lm138), il-Qorti tornda l-konfiska ta’ din is-somma favur il-Gvern ta’ Malta ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti m’hijiex qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan stante illi dan il-kaz jirrisali ghal 31 ta’ Ottubru 2004 u allura qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tas-sena 2005 li emenda l-imsemmi Artikolu 533[4] u stante illi l-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju m’ghamlet talba ghall-hlas tal-ispejjez, kif kien jirrikjedi l-Artikolu 533, qabel id-dhul fis-sehh tal-imsemmi Att.

[4] L-imsemmi Att gie fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 286 tas-sena 2005, fil-15 ta’ Awwissu 2005.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------